


Joseph F Cachia

# Il-Muwlti li Nħibb Jienae

Il-Muwlti illi nħibb jinae
Huwa lsjiaen il-Maelliħin.
Laeħnu ħiluw bħaell-qaenpienae
B'tuuni suudi faerriħin

Il-Muwlti li tant niggusta
U li tant nitgħaxxaq biaeh
Il-luwm ma tismaewx bil-busta
Ħliaef mingħand xi wieħed xiaeħ

Il-Muwlti li tant jhaenini,
Bil kaemm għuudna nisimgħaewh
Ma tufuwx kaem jisgħubini,
Li b'ilsnae uħrajn taebbaewh.

Il-Muwlti illi nħibb jienae,
Duak Maelliħi, bid-djaelaett.
M'hiniaex saejjer nitlub ħniaena.
Anzi rrid iktar rispaett.

Mhuwx saejjer niħu għalijae
Jekk int tgħaedli injurant
Immae l-kaelmae Maelliħijae
Għudni u nibqae' nħibbhae tant.

Duan hu lsiaen missirijietna,
Li użaw matul tant snin
Inżummawh fi ħsibijietna.
Li nużawh aeħna kburin.

Tal-Għansar
16/9/ 2018.

# Il-Malti, li Nħobb Jiena

Il-Malti, illi nħobb jiena,
Huwa lsien il-Melliħin,
Leħnu ħelu bħal qampiena,
B'toni, sodi, ferriħin.

Il-Malti li tant niggosta
U li tant nitgħaxxaq bih
Il-lum ma tis'mgħux bil-bosta
Ħlief mingħand xi wieħed xiħ

Il-Malti li tant jhennini
Bil-kemm għadna nisimgħuh
Ma tafux kemm jisgħobbini
Li, b'ilsna oħrajn tebbgħuh.

Il-Malti illi nħobb jiena,
Dak Mellieħi, bid-djalett,
M'iniex sejjer nitlob ħniena,
Anzi rrid iktar rispett.

Mhux sejjer nieħu għalija
Jekk int tgħidli 'injorant'.
Imma l-kelma Melliħija
Għadni u nibqa' nħobbha tant.

Dan hu lsien missirijietna
Li użaw matul tant snin.
Inżommuh fi ħsibijietna,
Li nużawh, aħna kburin!

Tal-Għansar
16/09/2018.

# L-Ismijiet

Kieku taf kemm idejqquni,
Ma nista' nġerragħhom xejn,
Kull meta jiġu jsaqsuni,
Jweġġgħuli l-widnejn.

Bl-Ingliżati illi jfaqqgħu
Jew bit-tgħawwiġ tal-ilsien,
Il-Malti, għaċ-ċajt iwaqqgħu.
Ma nistax għalihom, jien.

'Golden Bay', flok, 'Il-Mixquqa',
'Ċirkewwa', 'Paradise Bay',
'Ix-Xquq', snin, ilhom mitluqa.
'Popeye Village', illum, ħej.

'L-Imġiebaħ' ftit wisq jafuha.
Minn flokha jgħidu 'Selmun'.
'Għajn Żejtuna', wkoll bidluha.
Dik 'Santa Marija' illum.

'Tax-Xilep' ukoll tlifniha,
Slugs Bay ilha, għal bosta żmien.
Għax li konna naraw fiha,
Illum, tarah kullimkien

Wisq nibża' li dan snobiżżmu
Flok Malti jużaw l-Ingliż
Ma nemminx illi t-turiżmu
Jiżdied b'dan l-att irħis

It-turist mhux se jiddejjaq
Jekk jgħawweġ l-isem xi ftit.
M'hemmx li dil-'marda' titfejjaq.
Ismijiet Maltin irrid!

*Exiles.*
*08/05/2019.*



***Ix-Xquq***



***Ix-Xilep***



***Il-Palazz ta' Selmun***

CN Marble Granite
Mifsud

Blokk D,
Midland Micro Enterprise Park,
Triq Burmarrad,
L/O Naxxar

Mobile
9988 5191

Email
contact@cnmarbleandgranite.com

Web
www.cnmarbleandgranite.com






We are also catering for Kid's Parties, Events, Majjalati, Fenkati, Buffets and more

**Wood Fire Oven**

***Take Away Available***

11, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa

Mob: 79707755



THE HILLTOP
RESTAURANT Est. 1972

Here is where seafood and meats come together
to bring you a modern multicultural cuisine



Gorg Borg Olivier Street Mellieħa
For reservations call
+356 21521101 or +35699445484
www.thehilltopmellieha.com

# Ta' Peter

Bar, Restaurant & Games Room

*Specialising in Maltese Cuisine & Fresh Fish Dishes.*

Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537

# Kafè Borg

Coffee Pods,
Instant Coffee,
Instant Coffee Sticks
& Freshly Roasted Coffee

**KAFE BORG -** Coffee Roasters,
Tal-Balal Road, San Gwann SGN 9018 - Malta.
Tel: 2137 1626, 2137 3208
**www.kafeborg.com**

# MOSTA BACON ®

since 1970